Minuti tal-Laqgħa Nru. 24 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 26 ta' Marzu 2009 fl-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **Skużati :** | Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. *Premises* tal-Kunsill
5. Jum Ħal Luqa/Ġieħ Ħal Luqa
6. Staff *Performance Bonus*
7. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 23 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sinjura Luċia Massa ssekondata mis-Sur Victor Caruana.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fuq il-laqgħa ffissata għall-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2009 dwar il-Kampanja '' Switch''. Huwa ssuġġerixxa li din il-laqgħa tiġi posposta għal data oħra peress li fis-27 ta' Marzu fl-istess ħin se jsir il-Pellegrinaġġ bl-istatwa ta' Gesu' Redentur ġewwa Ħal Luqa u li normalment għaliha jikkonkorru bosta nies. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tal-Viċi Sindku u li din id-deċizjoni għandha tiġi kommunikata lis-Segretarjat ta' l-Onor. Dr. Chirs Said.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sal-25 ta' Marzu 2009, fosthom ;

a) e-mail mill-Onor. Dr. Chris Said li tistieden lill-Kunsill għal laqgħat dwar il-''Community Work Scheme'' li se ssir il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2009 fit-3.00 p.m. fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Għal din il-laqgħa se jattendi s-Sindku John Schembri.

b) e-mail minn St. Thomas Moore College Boy JL li titlob lill-Kunsill jagħti premju għall-okkażjoni ta' Jum il-Premjazzjoni tal-Kulleġġ li se ssir il-Ħamis, 23 ta' April 2009. Il-Kunsill qabel li jagħti premju f'forma ta' *token books*.

c) Ittra mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura dwar il-Wirja tar-Rebbiegħa li se ssir is-Sibt, 3 u l-Ħadd, 4 ta' Mejju 2009 fil-Ġonna ta' San Anton, Attard. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din il-Wirja fuq l-istess livell li ħa fis-snin ta' qabel.

d) Il-Kunsill qabel li għal darb'oħra jorganiżża courses tal-computer flimkien ma' T.C.T.C. taħt il-programm E-Tfal kif ukoll course ta' ECDL Start.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sal-25 ta' Marzu 2009, b'mod partikolari l-applikazzjoni relatata mas-*Social Housing Development* propost għall-inħawi magħruf Ta' Wied il-Knejjes, fi Triq Wied il-Knejjes, Luqa, u li dwarha l-Kunsill qabel li jagħmel xi rakkomandazzjonijiet.

➢ Dwar it-*Tender* tal-*Patching* il-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sindku biex jiltaqgħu apposta nhar il-Ħamis, 2 ta' April 2009 fil-5.00 p.m. biex jivvalutaw l-offerta'.

.

- Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar l-invit li ż-żewġ baned lokali jibagħtu lill-Kunsillieri għal attivitajiet organiżżati t-tnejn fl-istess jum u fl-istess ħin. Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbagħat ittra liż-żewġ baned fejn jintqal ċar li ma jistax ikun li s-Sindku u l-Kunsillieri jkunu f'żewġ postijiet fl-istess ħin. Għalhekk iż-żewġ baned għandhom jaraw li jkunu hemm xi forma ta' arranġament biex dawn ix-xorta ta' inizjattivi u attivitajiet ma jibqux isiru fl-istess jum u fl-istess ħin. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku u għandu (is-Sindku) jgħarraf b'dan liż-żewġ Kunsillieri l-oħra li kienu skużati għal din il-laqgħa, biex wara tintbagħat l-ittra.

**4. *PREMISES* TAL-KUNSILL**

4.1 Is-Sindku ta' rendikont ta' fejn wasal il-proċess. Qal li l-Kunsill bagħat ittra lill-Kurja fl-20 ta' Frar 2009 dwar il-qbil li ntlaħaq fil-prinċipju mal-Kappillan dwar l-użu ta' sala bħala *Day Centre* għall-Anzjani fiċ-Ċentru Parrokkjali. Pero' sa issa il-Kunsiill għad m'għandu ebda tweġiba mill-Kurja.

4.2 Is-Sindku żied igħid li ż-żmien għaddej u sadattant irridu naħsbu biex jitranġa l-post. Għalhekk għall-bidu t'April tintbagħat ''reminder'' lill-Kurja.

**5. JUM ĦAL LUQA**

5.1 Is-Sindku qal li s-Sotto-Kumitat li għadu kif inħatar qiegħed jiltaqa' ta' spiss u jaħdem biex iħejji rapport li għandu jiġi ppreżentat u diskuss mill-Kunsill. Mir-rapport li jagħmel is-Sotto-Kumitat joħorġu, fost oħrajn, l-attivitajiet li hemm maħsuba li jsiru għal Jum Ħal Luqa. Dawn se jkunu fuq skala akbar minn tas-snin ta' qabel peress li din is-sena jaħbat it-375 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa

5.2 Meta tkellem dwar ''Ġieħ Ħal Luqa'' is-Sindku qal li dan l-unur jingħata lil persuni li jkunu taw sehemhom lis-soċjeta tagħna u b'għemilhom kienu ta' eżempju għall-komunita' li ngħixu fiha.

5.2.i Fuq dawn il-kriterji s-Sindku qal li kien qiegħed jipproponi żewġ ismijiet biex jingħataw l-unura ta' ''Ġieħ Ħal Luqa'' għal din is-sena. Dawn huma is-Sur Tuse' Costa u s-Sur Peter Paul Theuma li taw sehem fil-qasam letterarju permezz tal-poeżiji tagħhom.

5.2.ii Wara diskussjoni fuq il-merti taż-żewġ persuni proposti, il-Kunsill approva n-nomina tas-Sur Tuse' Costa u tas-Sur Peter Paul Theuma għall-''Ġieħ Ħal Luqa'' fuq mozzjoni tas-Sindku John Schembri ssekondata mis-Sur Victor Caruana.

**6. PERFORMANCE BONUS**

6.1 Is-Sindku qal li bħal kull sena l-Kunsill jagħrbel ix-xogħol u s-sehem li jagħtu l-impjegati tal-Kunsill matul is-sena. Wara li jara l-kontribuzzjoni tagħhom u r-rapporti li jsiru dwarhom, il-Kunsill jiddeċiedi fuq il-*performance* tagħhom u jaħti l-bonus kif stipulat skond il-liġi.

LUQA

6.1.i Fiċ-ċirkostanzi, qal is-Sindku, kien qiegħed jipproponi li l-impjegati tal-Kunsill jingħataw il-*performance bonus* kif tistipula l-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali. Meta l-mozzjoni tas-Sindku, issekondata mis-Sur Victora Caruana, ġiet għall-voti, din ġiet approvata unanimament.

**7. ĦLASIJIET**

7.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sal-25 ta' Marzu 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-5.45 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

  - Konfermati llum 27 ta' April 2009.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv